MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru. 1147/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**MARIO CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Cutajar ta’ 27 sena, bin Michael u Lorenza nee’ Gialanze’, mwieled Pieta’ nhar il- 15 ta’ Lulju 1982, residenti 18, il- Bidni, Limiti ta’ Zabbar u Wied il- Ghajn u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 389482M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Fil- waqt li kien fi Triq in- Nadur, gewwa Wied il- Ghajn, nhar it- 12 ta’ April 2008, ghall- habta tal-10.00pm, dolozament bil- hsieb li jikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Silvio Attard minn Wied il-Ghajn, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id- delitt, billi saq vettura tal- ghamla KIA, mudell Rio bin- numru tar- registrazzjoni FBL- 956, fid- direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2) Ukoll talli fl- istess data, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq In- Nadur, gewwa Wied il- Ghajn, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ kkawza hsara volontarja fuq il- vettura tal- ghamlta Toyota, mudell Land Cruiser, ta’ lewn Maroon u li ghandha numru tar-registrazzjoni LAF 291 ghall- vaulr ta’ €1,011.19 ghad-dannu ta’ Joseph Grech minn Zabbar u persuni ohra;

3) Aktar talli fl- istess data, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq in- Nadur, gewwa Wied il- Ghajn, saq il- vettura tal- ghamlta KIA mudell Rio bin- numru tar-registrazzjoni FBL 956 b’ manjiera perikoluza;

4) Ukoll talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien hdejn l- Ghassa tal- Pulizija ta’ Wied il-Ghajn, li tinsab fi Triq iz- Zonqor, volontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Silvio Attard minn Wied il- Ghajn, skond kif iccertifikat minn Dr. Kenneth Vassallo M.D (Warrant Mediku Numru 2965) tac- Centru tas- Sahha tal- Furjana;

5) Ukoll talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien hdejn l- ghassa tal- Pulizija ta’ Wied il-Ghajn, li tinsab fi Triq iz- Zonqor, vlontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Bernard Attard

minn B’Bugia, skond kif iccertifikat minn Dr. Johann Vella M.D (Warrant Mediku Nru. 2580) tac- CEntru tas- Sahha ta’ Rahal Gdid;

6) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’ tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li ser tintuza vjolenza kontra taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li b’ tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-provi prodotti mil-partijiet, il-Qorti hi konvinta li l-imputat assolutament m’huwiex hati tal –imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Anzi, huwa l-imputat li safa vittma ta’ aggressjoni minn Silvio Attard, u mhux il-kontra. Il-provi kollha juru bic-car li l-imputat ma ghamel xejn biex ipprovoka dan l-incident, izda hu iddefenda ruhu mill-attakk li twettaq fuqu minn Attard u membri ohra tal-familja tieghu. Il-Qorti esaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, u ghalkemm huwa indikattiv ferm li Silvio Attard ghazel li ma jixhedx f’din il-kawza – peress illi hu ghandu proceduri kriminali pendenti kontra tieghu ghall-istess incident – il-Qorti mxiet fuq ix-xiehda u l-provi l-ohra kollha biex tibni stampa ta’ x’seta’ gara f’dan l-incident. Fit-12 ta’ April 2008, l-imputat kien ghaddej bil-vettura tieghu fi Triq in-Nadur, Wied il-Ghajn, meta mid-direzzjoni opposta giet vettura tat-tip “mini van” misjuqa minn Attard. Peress illi t-triq kienet dejqa, iz-zewg vetturi irrallentaw, izda ghal xi raguni Attard ghadda kummenti fil-konfront ta’ Cutajar, li wiegeb lura bl-istess ton, u inqalgha argument bejniethom. Attard hareg mil-vettura tieghu u aggredixxa lil Cutajar, tant li l-imputat beza’ u saq ‘l hemm, izda bil-

fixla habit go vettura ohra pparkeggjata fil-vicinanzi, proprjeta’ ta’ terzi. Wara kemm Attard kif ukoll Cutajar marru l-Ghassa tal-Pulizija, u barra l-Ghassa Cutajar rega’ gie aggredit minn Attard u l-familjari tieghu.

Il-Qorti ma tistax tifhem kif qed jigi pretiz li tinstab htija fl-imputat, meta kien hu stess li gie aggredit. Ghahekk, il-Qorti m’hix ser issibu hati u sejra tilliberah minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 41, 214, 216 (1) (a) (b), 325 (b), 221 u 251 (B) tal- Kapitolu 9 u Artikolu 15 (1) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------